

32007D0082

3.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 28/25

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-2 ta' Frar 2007****dwar il-miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Guinea tal-prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 278)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/82/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji u l-ħtiġijiet ġenerali tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Spezzjoni riċenti mis-servizzi tal-Kummissjoni fir-Repubblika tal-Guinea kixfet nuqqasijiet serji ta' iġjene matul il-katina ta' produzzjoni tal-prodotti tas-sajd. Dawn in-nuqqasijiet jinkludu katina tal-ksieħ mhux adegwata, użu ta' ilma mhux tajjeb għax-xorb u kundizzjonijiet sanitarji fqar tal-bastimenti u l-istabbilimenti. Dawn in-nuqqasijiet probabbli jwasslu għall-preżenza ta' kontaminazzjoni dannuża fil-prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u għalhekk tippreżenta riskju serju għas-saħħa tal-konsumatur.
- (2) Iż-żjara ta' spezzjoni kixfet ukoll nuqqas ta' kontrolli sanitarji xierqa mill-awtoritajiet kompetenti fir-Repubblika tal-Guinea, li taggrava s-sitwazzjoni.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu sospiżi b'effett immedjat l-importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd mir-Repubblika tal-Guinea, kif definiti fir-Regolament 853/2004 <sup>(2)</sup>. B'kunsiderazzjoni għall-gravità tan-nuqqasijiet identifikati matul l-ispezzjoni, is-sospensjoni għandha tapplika wkoll għall-prodotti tas-sajd li ntbagħtu lill-Komunità qabel ma din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ, iżda li għadhom ma ġewx introdotti fil-Komunità.

<sup>(1)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006, (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

<sup>(2)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, korreġut bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

(4) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fid-dawl tal-garanziji offruti mir-Repubblika tal-Guinea u fuq il-bażi ta' riżultat pożittiv li joħroġ minn spezzjoni ġdida mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Ambitu**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-prodotti kollha ta' l-industrija tas-sajd li joriġinaw mir-Repubblika tal-Guinea u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 2***Projbizzjoni**

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni fit-territorju tagħhom tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Din il-projbizzjoni għandha tapplika għall-kunsinni ta' prodotti li jaslu fil-postijiet ta' spezzjoni mal-fruntiera kemm jekk il-kunsinni kienu prodotti, maħżuna jew iċċertifikati fil-pajjiż ta' oriġini u kemm jekk le, qabel ma din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

*Artikolu 3***Ħlas tan-nefqa**

L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitħallsu mill-kunsinnatur jew mill-aġent tiegħu.

*Artikolu 4***Konformità**

L-Istati Membri għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jieħdu biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Frar 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membru tal-Kummissjoni*

---